MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru 452/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Spiteri**
**V**

**JESMOND PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JESMOND PORTELLI** ta' hamsa w tletin sena bin Charles u Carmela nee Mangion, imwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 1970 u joqghod 30, Triq il-Kbira, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 293770M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2006, fi Pjazza Antoine de Paule f'Rahal Gdid, ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tad-ditta Panasonic X70 ghal valur ta' mija

u tletin lira maltin ghad-dannu ta’ Rodienne Sammut minn Hal Tarxien, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-mitt lira u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli hu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta’ Lulju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-akkuzi fil-konfront tieghu u b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

3. Il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lis-sid legittimu taghha;

4. U l-fatt li s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni materjali.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat li qisha ktieb bi tmien reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha fejn inghata amendi, multi, sentenzi sospizi u prigunerija effettiva.

Huwa nghata diversi cansijiet, forsi fil-fehma ta' din il-Qorti, wisq, pero dan nonostante l-imputat reggha kiser dufrejh mal-Qorti u ghadu jiffaccja l-gustizzja. L-imputat ma tghallimx u fil-fatt wera x-xewqa jew ahjar l-insistenza li jibqa fit-triq tal-kriminalita. Zgur li ma gharafx jisufruwixxi ruhu minn dawn ic-cirkostanzi.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 267, 271(g) u 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat JESMOND PORTELLI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghall-xahar prigunerija effettiva mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------